



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

10734/23

LIMITE

CORLX 597
CFSP/PESC 873
MAMA 85
COARM 145
CONUN 150
FIN 650

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-
Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni
fil-Libja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2015 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.
- (2) Skont l-Artikolu 17(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, il-Kunsill eżamina mill-ġdid il-listi ta' persuni u entitajiet iddeżinjati li jinsabu fl-Annessi II u IV ta' dik id-Deċiżjoni.
- (3) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jitħassru l-entrati għal żewġ persuni u għal entità waħda, u jenħtieġ li jinżammu l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet l-oħra kollha, fil-listi li jinsabu fl-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi aġġornata l-informazzjoni ta' identifikazzjoni għal persuna waħda.
- (4) Għalhekk id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 hija emendata kif ġej:

1. fl-Anness II (“Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 8(2)”), il-Parti A (“Persuni”) hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata 9 dwar HOUEJ, Mohamad Ali hija sostitwita b'dan li ġej:

"9.	HOUEJ, Mohamad Ali	Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ fil-Gvern ta' Għaqda Nazzjonali tal-Libja Data tat-twelid: 1949 Post tat-twelid: Al-Azizia (qrib Tripoli)	Ministru għall-Industrija, l-Ekonomija u l-Kummerċ fil-Gvern tal-Kurunell Qadhafi. Assoċjat mill-qrib mal-ex reġim ta' Muammar Qadhafi.	21.3.2011";
-----	--------------------	--	--	-------------

(b) l-entrata 13 dwar MANSOUR, Abdallah hija mħassra;

2. fl-Anness IV (“Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 9(2)”), il-Parti A (“Persuni”) hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata 9 dwar HOUEJ, Mohamad Ali hija sostitwita b'dan li ġej:

"9.	HOUEJ, Mohamad Ali	Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ fil-Gvern ta' Għaqda Nazzjonali tal-Libja Data tat-twelid: 1949 Post tat-twelid: Al-Azizia (qrib Tripoli)	Ministru għall-Industrija, l-Ekonomija u l- Kummerċ fil-Gvern tal-Kurunell Qadhafi. Assoċjat mill-qrib mal-ex reġim ta' Muammar Qadhafi.	21.3.2011";
-----	--------------------	---	---	-------------

(b) l-entrata 13 dwar MANSOUR, Abdallah hija mħassra;

(c) l-entrata 16 dwar QADHAF AL-DAM, Sayyid Mohammed hija mħassra;

3. fl-Anness IV (“Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 9(2)”), il-Parti B (“Entitajiet”), l-entrata 16 dwar Baroque Investments Limited hija mħassra.